MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 122/2012

**L-Ghaqda tal-Konsumaturi, irraprezentata minn Benjamin Borg Bonello, President tal-Ghaqda bhala rapprezentanti ta' klassi ta' persuni fit-termini tal-Att V1.2012; flimkien mal-membri komponenti din il-klassi Joseph u Giorgia konjugi Hili; u Saviour u Rose konjugi Buttigieg**

**vs**

**Global Capital Financial Management Limited**

Il-Qorti;

Rat li r-rikors guramentat jaqra hekk:

(1) Illi fl-ahhar nofs tas-sena 2008, il-konjugi Hili u l-konjugi Buttigieg kienu gew avvicinati minn rapprezentanti tas-socjetà attrici u mhajra, anzi ppressati, sabiex jaqilbu l-investiment ta' dak kollu li huma kienu rnexxilhom ifaddlu matul il-ħajja lavorattiva tagħhom f'investiment mal-kumpannija konvenuta;

(2) Illi effettivament, il-konjugi Hili kienu gew konvinti sabiex jaqilbu investiment ta' tlettax-il elf euro (€13,000) li huma kellhom sa dakinhar investiti f'Aberdeen Global European High Yield u Lloyds TSB High Income Fund f'investment mas-socjetà konvenuta;

(3) Illi l-konjugi Buttigieg, min-naha taghhom, kellhom investimenti f'Aberdeen Global-Sovereign High Yield Bond Fund; Mexico 9.875% u International Bank for Reconstruction and Development 7.18% fl-ammont komplessiv ta' sitta u ghoxrin elf disa' mija u tmenin euro u tlieta u sebghin centezmu (€26,980.73c);

(4) Illi l-konjugi Hili u l-konjugi Buttigieg lanqas biss kienu jafu lil xulxin f'dak iz-zmien izda, fil-kaz taghhom it-tnejn is-socjetà konvenuta rrakkommandat investiment f'Lifemark SA Secure Income Bond Series gestit mill-kumpannija Lifemark S.A. rregistrata fil-Lussemburgu u effettivament il-konjugi Hili wettqu l-investiment taghhom fit-12 ta' Dicembru 2008 (Series 5), waqt li Buttigieg wettqu l-investiment taghhom fil-31 ta' Ottubru 2008 (Series 4);

(5) Illi hadd minn fost iz-zewg koppji ma ghandu ideja ta' kif jahdmu l-investimenti, imma fl-okkazjoni ta' meta huma gew indotti jinvestu f'din il-kumpannija, huma kienu nghataw

assigurazzjoni mir-rapprezentant tal-kumpannija intimata li flushom kienu ser ikunu fiz-zgur fis-sens li l-kapital investit certament kien ser jittiehed lura minnhom fi tmiem il-perjodu ta' investiment;

(6) Illi d-decizjoni ta' kull wiehed mill-koppji Hili u Buttigieg li jinvestu fil-prodott offrut lilhom kienet rizultat dirett ta' prattika kummercjali ngusta u qarrieqa tal-kumpannija intimata fit-tifsira tal-Artikoli 51Ċ u 51D tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta; u wkoll bi ksur tad-direttivi u *policies* li suppost kienu jirregolaw il-gestjoni ta' kampanja ta' investimenti da parti tas-socjetà konvenuta – u dan kollu ghar-ragunijiet u kif sejjer jigi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

(7) Illi appena ftit xhur wara li twettaq l-investiment, bdew jitfaccaw problemi fis-sens li fil-bidu c-cekk tal-pagament tal-imghaxijiet beda jittardja ma jasal. F'dik l-okkazjoni l-konjugi Hili kienu cemplu lill-kumpannija konvenuta imma nghataw l-istess assigurazzjoni u struzzjonijiet biex ma jaghmlu xejn ghaliex ma kien hemm l-ebda nkwiet dwar l-investiment. Il-konjugi Buttigieg kienu, invece, cemplu sabiex jigbru flushom lura ghaliex xammew li kien gej l-inkwiet imma r-risposta li kienu rcevew skoraggiethom u ddiswadiethom ghal kollox milli jaghmlu dan;

(8) Illi effettivament, ftit xhur biss wara, il-pagament tal-interessi ma baqax jitwettaq, u allura z-zewg koppji kienu, indipendement u separatament, intavolaw ilment mal-Malta Financial Services Authority dwar il-mod li bih huma kienu gew ittrattati mill-kumpannija konvenuta;

(9) Illi wara xi zmien, imma kwazi kontemporanjament, dik l-Awtorità infurmat lill-koppji Hili u Buttigieg bir-rizultat tal-investigazzjoni taghha, fis-sens li l-kumpannija konvenuta agixxiet hazin u bi ksur tar-regoli applikabbli ghall-kumpanniji ta' investiment meta hegget lill-atturi sabiex jinvestu f'Lifemark SA Secure Income Bond Series. Minn dak ir-rapport infatti jirrizulta li:

a. Hadd mill-atturi ma kien jifhem il-kumplikazzjonijiet ta' skemi ta' investimenti simili;

b. Fil-fatt fil-*client profile* redatt mill-kumpannija konvenuta nnifisha jirrizulta li r-rapprezentant tal-kumpannija kien konxju b'dan u fil-fatt, fir-rigward ta' Hili tnizzel li s-sinjura Hili *"am fairly conservative but will accept a reasonable level of risk"* mentri fir-rigward tal-konjugi Buttigieg tnizzel li *"I am relatively conservative but don't mind a small risk";*

c. Il-kumpannija Lifemark fil-fatt ma kinitx tirraprezenta investiment b'riskju zghir jew ragjonevoli, imma kienet, fi kliem l-Awtorità innifisha *"a complex investment product suitable only for particular investors who truly understood its risks."*

d. L-Awtorità kkonstatat ukoll li d-dikjarazzjoni tal-konvenuta li hija rnexxielha tistabilixxi li xi hadd fost l-atturi kellu *"experience in terms of nature, volume and frequency of transactions in other instruments"* kienet manisfestament skorretta.

e. L-Awtorità kkonfermat ukoll li l-atturi ma kellhomx *"knowledge and experience"* f'dan it-tip ta' strument, u li ghalhekk is-socetà konvenuta ma messha qatt offritilhom dak it-tip ta' investiment: fi kliemha *"you had been mis-sold",* u konsegwentement irrakkommandat lil Global Capital li tirrifondi lura lill-atturi l-ammont originarjament investit minnhom rispettivament;

(10) Illi s-soċjetà konvenuta njorat għal kollox ir-rakkommandazzjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar is-Servizzi Finanzjarji;

(11) Illi fil-fehma tal-atturi kollha jezistu c-cirkustanzi kollha rikjesti mil-ligi sabiex il-kawza tal-atturi konjugi Hili u l-atturi konjugi Buttigieg titmexxa bhala azzjoni kollettiva fit-termini tal-Att VI.2012 ghaliex:

a. Il-konjugi Hili u l-konjuġi Buttigieg huma membri ta′ klassi ta′ nies, bi ftit jew xejn esperjenza fil-qasam tal-investimenti finanzjarji li gew indotti mill-kumpannija konvenuta sabiex jinvestu flushom fi strument ta′ investiment li ma kienx adattat ghall-konoxxenza taghhom, investiment li ghall-kuntrarju gie impingi u pprogettat lilhom bhala investiment b′riskju baxx mentri fil-fatt ma kien xejn minn dan kollu;

b. Illi kif intqal fuq, dan il-komportament tal-intimata jikklassifika ruħu bhala prattika kummercjali ngusta u qarrieqa;

c. Barra minn hekk, il-kumpannija konvenuta naqset milli tavza lill-klijenti taghha meta s-sitwazzjoni tas-socjetà li fiha hija nduciethom sabiex jinvestu bdiet sejra ghall-hazin, anzi, ghall-kuntrarju, meta whud minnhom irrealizzaw x′kien qed u x′seta′ jigri u talbuha tiehu azzjoni, hija konxjozament u dolozament tathom parir hazin li wassal sabiex kompliet tgharrqet is-sitwazzjoni;

d. Is-sitwazzjoni tal-konjugi Hili u Buttigieg hija press′a′poco identika; ghaliex it-tnejn li huma jinsabu f′sitwazzjoni fejn, b′rizultat dirett tar-rapprezentazzjoni skorretti li saru mill-konvenuta tilfu l-investiment kollu taghhom;

(12) Illi barra minn hekk, il-kunsens tal-konjugi Hili u l-konjugi Buttigieg gie kaptat mis-socjetà konvenuta bi frodi adoperata ghad-dannu taghhom mir-rapprezentanti taghha, kif ukoll kien rizultat ta′ zball materjali, ipprovokat mis-socjetà intimata, fuq it-tip u l-kwalità ta′ prodott li fih huma kienu qeghdin jinvestu;

(13) Illi anki fil-gestjoni da parti taghha tal-investimenti mwettqa mill-atturi Hili u Buttigieg taht id-direzzjoni taghha, is-socjetà konvenuta gabet ruħha b′mod zleali, inġust u qarrieq kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;

(14) Illi l-ammonti mitluba huma s-segwenti: il-konjuġi Hili qed jitolbu li l-kumpannija konvenuta tirrifondilhom l-investiment taghhom fl-ammont ta′ tlettax-il elf euro (€13,000) flimkien mal-interessi relattivi b′effett mid-data tal-ahhar pagament tal-imghaxijiet fuq din is-somma mill-kumpannija Lifemark Sa;

filwaqt li l-konjugi Buttigieg qed jitolbu r-rifuzjoni tal-ammont ta' sitta u ghoxrin elf disa' mija u tmenin euro u tlieta u sebghin centezmu (€26,980.73c) ukoll bl-interessi relattivi b'effett mid-data tal-ahhar pagament tal-imghaxijiet fuq din is-somma mill-kumpannija Lifemark Sa.

(15) Illi Hili u Buttigieg waslu fi ftehim sabiex tinbeda kawza kollettiva, kif jidher mid-dokument hawn anness;

L-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-fattispecje ta' dan il-kaz jissodisfaw ir-rekwiziti stabbiliti bl-Att VI.2012 sabiex it-talbiet tal-atturi jkunu jistghu jingabu 'l quddiem b'azzjoni kollettiva;

2. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta agixxiet b'mod skorrett u qarrieqi – kemm ghaliex il-komportament taghha jikkwalifika bhala prattika kummercjali ngusta kif ukoll ghaliex il-komportament taghha jammonta ghall-prattika qarrieqa u ukoll ghaliex dak il-komportament ma kienx konformi mad-dettami u direttivi mahruga mill-MFSA f'dan ir-rigward - fil-konfront tal-atturi konjugi Hili u konjugi Buttigieg meta bieghtilhom investiment f'Lifemark SA Secure Income Bond Series gestit mill-kumpannija Lifemark S.A. rregistrata fil-Lussemburgu;

3. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta kompliet ittradiet il-fiducja tal-atturi konjugi Hili u konjugi Buttigieg meta, minkejja l-preokkupazzjonijiet li huma kienu qeghdin juru dwar dan l-investiment is-socjeta' konvenuta prattikament irrifjutat li tillikwida dak l-investiment u b'hekk cahhadt lill-atturi minn kull opportunità li jsalvaw xi haga mill-investiment taghhom;

4. Konsegwentement tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli fil-konfront tal-atturi ghat-telf kollu li huma sofrew per konsegwenza tal-premess;

5. Tillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-atturi konjugi Hili fl-ammont ta' tlettax-il elf euro (€13,000) flimkien mal-interessi relattivi b'effett mid-data tal-ahhar pagament tal-imghaxijiet fuq din is-somma mill-kumpannija Lifemark S.A.;

6. Tillikwida l-ammont tad-danni sofferti mill-atturi l-konjugi Buttigieg fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf disa' mija u tmenin euro u tlieta u sebghin ċenteżmu (€26,980.73c) ukoll bl-interessi relattivi b'effett mid-data tal-ahhar pagament tal-imghaxijiet fuq din is-somma mill-kumpannija Lifemark S.A..

7. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil kull wiehed mill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' April 2010, tat-23 ta' Awwissu 2010; u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza; u bl-ingunzjoni ghas- subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet:

**<u>Il-Fatti</u>**

1. Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta ntimata tirrespingi l-allegazzjonijiet maghmula mill-konjugi Hili; Is-socjeta' intimata tirrileva illi: (a) ir-rikorrenti Hili ilhom klijenti tal-esponenti sa mill-2004; (b) ma saret ebda pressjoni fuq ir-rikorrenti Hili mis-socjeta' intimata jew mir-rapprezentanti taghha sabiex ibieghu jew jixtru xi investiment, wisq anqas sabiex jaqilbu investiment f'iehor; u (c) ir-rikorrenti Hili agixxew liberament u minn

jeddhom fir-rigward ta' kull investiment li bieghu jew akkwistaw tramite s-socjeta intimata;

2. Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrespingi ukoll l-allegazzjonijiet maghmula mill-konjugi Buttigieg; Is-socjeta intimata tirrileva illi: (a) ir-rikorrenti Buttigieg ilhom klijenti tal-esponenti sa mill-1997 u bejn l-1997 u Ottubru tal-2008 akkwistaw diversi nvestimenti tramite s-socjeta' intimata; (b) ma saret ebda pressjoni fuq ir-rikorrenti Buttigieg mis-socjeta' intimata jew mir-rapprezentanti taghha sabiex ibieghu jew jixtru xi investiment, wisq anqas sabiex jaqilbu investiment f'iehor; u (c) ir-rikorrenti Buttigieg agixxew liberament u minn jeddhom fir-rigward ta' kull investiment li bieghu jew akkwistaw tramite s-socjeta' intimata;

3. Illi fir-rigward tat-tieni paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata tghid illi precedentement il-konjugi Hili ghamlu nvestimenti ohra tramite s-socjeta' intimata (apparti investimenti li ghamlu tramite intermedjarji ohra) fosthom investimenti ta' €25,492.40 fl-Aberdeen (A1) European High Yield Bond Fund li sar fil-21 ta' Mejju 2004 u investiment ta' GBP8,902.71 fil-Lloyds TSB High Income Fund li sar fis-27 ta' Frar 2006; Izda s-socjeta' intimata tirrespingi l-allegazzjoni illi hija kkonvincit lir-rikorrenti Hili jaqilbu xi investiment u tirribadixxi illi l-konjugi Hili agixxew liberament u minn jeddhom fl-ghazla tal-investimenti taghhom; Is-socjeta' intimata tirrileva ukoll illi l-investiment li l-konjugi Hili ghamlu fis-*Secure Income Bond Issue no. 5* ma kienx "*investiment mas-socjeta konvenuta*" kif qed jiddikjaraw l-istess rikorrenti izda investiment li ghamlu r-rikorrenti, tramite is-servizzi tas-socjeta intimata bhala intermedjarja, ma' Lifemark S.A. societa anonima mwaqqfa fil-Lussemburgu u regolata mill-*Commission de Surveillance du Secteur Financier* tal-Lussemburgu;

4. Illi fir-rigward tat-tielet paragrafu tar-rikors promotur s-socjeta' intimata tghid illi precedentement il-konjugi Buttigieg ghamlu diversi investimenti ohra tramite s-socjeta' intimata (apparti investimenti/attiv ma' entitajiet finanzjarji ohra nkluz barra minn Malta) fosthom investimenti ta' US$24,000 fl-Aberdeen Global Sovereign High Yield Bond Fund li sar fit-28 ta' Mejju tal-2003, investiment ta' US$20,866.71 f'Mexico (United Mexican States) 9.875% BDS 15/01/2007 li sar fl'1 ta' Settembru tal-1999 u investiment ta' US$20,462.60 fl-International Bank for Reconstruction and Development 7.18% 15/10/2007 li sar fil-25 ta' Setembru 1997; L-ammont komplessiv ta' l-investiment li ghamlu l-konjugi Buttigieg fis-*Secure Income Bond Issue no. 4* mahrug minn Lifemark S.A. tal-Lussemburgu kien ta' US$26,980.73 u mhux ta' €26,980.73 kif qed jiddikjaraw ir-rikorrenti Buttigieg;

5. Illi fir-rigward tar-raba' paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata tirrileva illi hija licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-ligijiet ta' Malta) biex tagixxi ta' intermedjarja ghax-xiri ta' investimenti (twassil, trasmissjoni u esekuzzjoni ta' ordnijiet ghax-xiri u bejgh ta' strumenti ta' l-investiment) u biex taghti pariri fuq l-investiment;

6. Illi fir-rigward tar-raba' paragrafu, s-socjeta' intimata tghid illi r-rikorrenti Hili xtaqu jakkwistaw investiment fit-tul u wara li gie spjegat lilhom x'investimenti setghu jakkwistaw tramite is-servizzi tas-socjeta intimata huma ghazlu illi jinvestu fis-"*Secure Income Bond Series 5*" mahrug minn Lifemark S.A. fid-19 ta' Dicembru 2008; Illi fost affarjiet ohra l-konjugi Hili ghazlu wkoll illi l-investiment taghhom ikun denominat f'munita Ewro u li l-imghax jithallas lilhom kull tliet xhur; illi ghalhekk fil-mument li l-konjugi Hili xtraw is-"*Secure Income Bond Series 5*" dan l-investimenti fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjeta' intimata

minghand ir-rikorrenti Hili stess, kellu l-premessi necessarji biex fil-fehma tas-socjeta' intimata jissoddisfa l-ghan tal-investiment tar-rikorrenti;

7. Illi fir-rigward tar-raba' paragrafu, is-socjeta' intimata tghid illi r-rikorrenti Buttigieg xtaqu jbieghu l-investiment taghhom f'Aberdeen Global Sovereign High Yield Bond Fund biex ifittxu investiment iehor illi l-andament tieghu ma jkunx marbut daqstant direttament mas-swieq finanzjarji internazzjonali; Illi wara li gie spjegat lir-rikorrenti Buttigieg x' investimenti setghu jakkwistaw tramite s-servizzi tas-socjeta' intimata dawn ghazlu illi jinvestu fis"*Secure Income Bond Series 4*" mahrug minn Lifemark S.A. fis-07 ta' Novembru 2008; illi fost affarijiet ohra l-konjugi Buttigieg ghazlu wkoll illi l-investiment taghhom ikun denominat f' Dollari Amerikani u li l-imghax jithallas lilhom kull tliet xhur; illi ghalhekk fil-mument li l-konjugi Buttigieg xtraw is-"*Secure Income Bond Series 4*" dan l-investiment fl-isfond tal-informazzjoni li kienet tezisti dwaru u abbazi tal-informazzjoni li kellha s-socjeta' intimata minghand ir-rikorrenti Buttigieg, kellu il-premessi necessarji biex fil-fehma tas-socjeta' intimata jissoddisfa l-ghan tal-investiment tar-rikorrenti;

8. Illi fir-rigward tal-hames paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Hili; Is-socjeta' intimata tafferma illi huwa manifestament inveritier dak li qed jiddikjaraw il-konjugi Hili taht gurament illi ma ghandhomx ideja ta' kif jahdmu l-investimenti u dan kif jidher minn investimenti ohra taghhom u kif ser jirrizulta ulterjorment fil-kors tal-kawza; Illi inoltre jirrizulta li qabel ma ghamlu l-investiment in kwistjoni l-konjugi Hili ikkonfermaw, fost affarijiet ohra, illi fehmu kif jahdem l-investiment kif ukoll l-ispejjez u r-riskji nvoluti; ikkonfermaw ukoll illi huma kienu gew imwissija mir-rapprezentant tas-socjeta' intimata illi l-valur tal-investiment taghhom u l-qliegh relattiv jista' jinzel kif ukoll

jitla' u li jista' jkun ukoll illi huma jirkupraw lura anqas mis-somma investita minnhom (Dok. 'F' anness mar-rikors promotur); Illi ghalhekk assolutament mhuwiex minnu li r-rikorrenti Hili inghataw xi assigurazzjoni min-naha tas-socjeta' intimata li l-kapital investit certament kien ser jittiehed lura minnhom fi tmiem il-perjodu ta' investiment;

9. Illi fir-rigward tal-hames paragrafu, is-socjeta' intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Buttigieg; Is-socjeta' intimata tafferma illi huwa manifestament inveritier dak li qed jiddikjaraw ir-rikorrenti Buttigieg taht gurament illi ma ghandhomx ideja ta' kif jahdmu l-investimenti u dan kif jidher minn investimenti ohra taghhom u kif ser ikompli jirrizulta fil-kors tal-kawza; Illi inoltre jirrizulta li qabel ma ghamlu l-investiment in kwistjoni l-konjugi Buttigieg ikkonfermaw bil-miktub, fost affarijiet ohra, illi fehmu kif jahdem l-investiment kif ukoll l-ispejjez u r-riskji nvoluti; ikkonfermaw ukoll illi huma kienu gew imwissija mir-rapprezentant tas-socjeta' intimata illi l-valur tal-investiment taghhom u l-qliegh relattiv jista' jinzel kif ukoll jitla' u li jista' jkun ukoll illi huma jirkupraw lura anqas mis-somma nvestita minnhom (Dok. 'G' anness mar-rikors promotur); Illi ghalhekk assolutament mhuwiex minnu li r-rikorrenti Buttigieg inghataw xi assigurazzjoni min-naha tas-socjeta' intimata li l-kapital investit certament kien ser jittiehed lura minnhom fi tmiem il-perjodu ta' investiment;

10. Illi fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Hili u Buttigieg bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt; illi assolutament mhuwiex minnu illi s-socjeta' intimata uzat xi prattika kummercjali ngusta u/jew qarrieqa skont it-tifsira tal-artikoli 51C u 51D tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta) u bi ksur ta' xi "direttivi" u "*policies*" li jirregolaw lis-socjeta' intimata kif qed jallegaw ir-

rikorrenti (minghajr ma lanqas biss jindikaw liema huma dawk id-direttivi u policies – u dwar dan is-socjeta' intimata tirrizerva illi tesponi ulterjorment fil-kaz li r-rikorrenti jispjegaw b'mod car liema huma dawk id-direttivi u policies li qed jirreferu ghalihom); Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' intimata ssostni illi hija agixxiet in *buona fede* u bhala entita' regolata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta) imxiet b'mod gust fil-konfront tar-rikorrenti u wettqet id-doveri taghha fedelment kif spjegat fil-paragrafi 5, 6 u 7 ta' din ir-risposta u kif ser ikompli jigi spjegat ulterjorment fil-kors tal-kawza;

11. Illi fir-rigward tas-seba' paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata tirrespingi l-allegazzjoni tar-rikorrenti Hili illi hija qatt tathom xi assigurazzjoni u/jew struzzjonijiet biex ma jaghmlu xejn fir-rigward tal-investiment taghhom u tirrespingi wkoll l-allegazzjoni tar-rikorrenti Buttigieg illi hija skoraggiethom u/jew ddiswadiethom milli jiehdu xi azzjoni fir-rigward tal-investiment taghhom fi zmien waqtu; Illi inoltre s-socjeta' intimata tirrileva illi hija kienet u ghadha tikkomunika regolarment u in *buona fede* mar-rikorrenti klijenti taghha dwar il-qaghda ta' Lifemark S.A. kif ser jirrizulta ulterjorment fil-kors tal-kawza;

12. Illi s-socjeta' intimata ma ghandhiex xi tghid fir-rigward tat-tmien paragrafu tar-rikors promotur;

13. Illi fir-rigward tad-disa' paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata tirrespingi bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni illi hija agixxiet hazin u bi ksur tar-regoli applikabbli ghall-kumpaniji ta' investiment (anki f'dan il-kaz minghajr mar-rikorrenti lanqas biss jindikaw liema huma dawk ir-regoli – u dwar dan is-socjeta' intimata qeghdha wkoll tirrizerva illi tesponi ulterjorment fil-kaz li r-rikorrenti jispjegaw b'mod car liema huma dawk ir-regoli li qed jirreferu

ghalihom); illi f'dan il-kuntest huwa evidenti illi l-konjugi Hili u Buttigieg qed jirreferu ghal zewg investigazzjonijiet dwar l-ilmenti rispettivi taghhom li saru mill-Manager ghall-Ilmenti tal-Konsumaturi fi hdan l-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (ara Dok. 'D' u "E' annessi mar-rikors promotur); illi f'dan ir-rigward u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' intimata tirrileva qabel xejn illi: (i) l-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta hija mwaqqfa permezz tal-Att Dwar Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330 tal-Ligijiet ta' Malta) u li l-istess Awtorita' giet mahtura bhala l-'awtorita' kompetenti' ghall-finijiet tal-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta) a tenur tal-Avviz Legali 126/1994 (L.S. 370.01); (ii) L-art. 20 tal-Kap. 330 jipprovdi ghall-hatra ta' Manager ghall-Ilmenti tal-Konsumaturi mill-Awtorita' suriferita; u (iii) l-investigazzjonijiet tal-Manager ghall-Ilmenti tal-Konsumaturi tal-Awtorita' huma cirkoskritti a tenur tal-istess art. 20 tal-Kap. 330; Illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-investigazzjonijiet suriferiti la tirrizulta, u lanqas tista' tirrizulta, xi determinazzjoni ta' htija u ta' ksur ta' regoli fil-konfront tas-socjeta' intimata kif qed jallegaw ir-rikorrenti ghaliex tali determinazzjoni tezorbita mil-funzjoni u l-poteri tal-Manager ghall-Ilmenti tal-Konsumaturi skont il-ligi. Illi apparti minn hekk l-allegazzjoni illi s-socjeta' intimata "*hegget*" lir-rikorrenti sabiex jaghmlu l-investimenti in kwistjoni u inferenzi ohra li jaghmlu r-rikorrenti fil-kumplament tal-paragrafu disgha huma kompletament gratuwiti u manifestament skorretti kif ser ikompli jirrizulta fil-kors tal-kawza;

14. Illi fir-rigward tal-ghaxar paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata tghid illi hija kkooperat bis-shih mal-Manager ghall-Ilmenti tal-Konsumaturi tal-Awtorita' fl-investigazzjonijiet illi ghamel izda bir-rispett kollu dovut ma qablitx – kif kellha kull dritt li ma taqbilx – mar-rakkommandazzjonijiet tal-istess Manager, liema

rakkommandazzjonijiet, skont il-ligi u skont l-istess Manager (ara Dok. 'D' u "E' annessi mar-rikors promotur) ma jorbtux lis-socjeta intimata; Illi ghalhekk ir-rakkomandazzjonijiet tal-Manager ghall-Ilmenti tal-Konsumaturi ma ghandhomx u ma jistax ikollhom xi effett fuq id-drittijiet u l-posizzjoni tas-socjeta' intimata u r-rikorrenti ma jistghux jistriehu fuq r-rakkomandazzjonijiet imsemmija bhala prova ghall-fini tat-talbiet taghhom f' din l-azzjoni.

15. Illi fir-rigward tal-hdax il-paragrafu tar-rikors promotur, il-pretensjoni tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma jezistux l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex l-azzjoni odjerna titmexxa bhala azzjoni kollettiva skont l-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan peress illi : (i) fl-ewwel lok, kif inhu evidenti l-azzjoni attrici hija bbazata fuq allegazzjoni ta' ksur tad-"*dettami*", "*direttivi*" u "*policies*" mahruga mill-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u tar-"*regoli applikabbli ghal kumpaniji ta' investiment*" (liema kumpaniji kif spjegat huma regolati permezz tal-Kap. 330 u tal-Kap 370 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti maghmula tahthom) li ma jaqghux taht l-iSkeda A tal-Kap. 520 u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tissodisfa il-vot tal-art. 3 tal-Kap. 520; u (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici jehtiegu primarjament valutazzjoni tac-cirkostanzi ndividwali u personali, fosthom tal-ghanijiet tal-investiment u tal-gharfien u esperjenza, tal-konjugi Hili u Buttigieg rispettivament kif ukoll tal-komportament tas-socjeta' intimata fir-rigward tal-konjugi Hili u Buttigieg individwalment u ghalhekk il-kwistjonijiet mqajma mill-azzjoni odjerna huma preponderantement jekk mhux unikament kwistjonijiet individwali u mhux komuni; illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma jirrizultax illi l-azzjoni kollettiva hija l-aktar mezz xieraq ghar-rizolviment gust u efficjenti tal-kwistjonijiet mqajma mir-rikorrenti Hili u Buttigieg

rispettivament – u dan kollu kif ser jigi spjegat fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawza; Inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost:

a. is-socjeta' intimata tirrespingi l-pretensjoni illi r-rikorrenti Hili u Buttigieg jaqghu fi klassi ta' nies li ghandhom ftit jew xejn esperjenza fil-qasam tal-investimenti finanzjarji. Illi kif inghad l-gharfien u esperjenza tal-konjugi Hili u tal-konjugi Buttigieg rispettivament hija kwistjoni ndividwali li tifforma parti mil-mertu tal-azzjoni u ghalhekk dwar dan ghad iridu jitressqu l-provi ndividwali rilevanti fir-rigward tal-konjugi Hili u Buttigieg separatament; Is-socjeta' intimata tirrespingi ukoll l-allegazzjoni illi hija sgwidat lir-rikorrenti jew lil minn minnhom u li nduciethom sabiex jinvestu flushom fi kwalsiasi investiment, wisq anqas f'xi investiment li ma kienx addatat ghalihom;

b. is-socjeta' intimata tirrespingi l-allegazzjoni illi hija ghamlet uzu minn xi prattika kummercjali ngusta u/jew qarrieqa fil-konfront tar-rikorrenti Hili u Buttigieg kif diga' spjegat;

c. is-socjeta' intimata tirrespingi l-allegazzjoni illi hija naqset milli tinforma lill-klijenti taghha bis-sitwazzjoni ta' Lifemark S.A.; illi kif spjegat is-socjeta' intimata ikkomunikat mar-rikorrenti klijenti taghha in *buona fede* dwar il-qaghda ta' Lifemark S.A. u dan nonostante illi l-informazzjoni in kwistjoni kienet fid-dominju pubbliku u s-socjeta' intimata qatt ma kellha xi informazzjoni privileggjata dwar l-istess Lifemark S.A.; illi is-socjeta' esponenti tirrespingi ukoll bhala kompletament infondata l-allegazzjoni illi hija konxjament u dolozament, jew xorta ohra, tat parir hazin lir-rikorrenti jew lil min minnhom;

d. is-socjeta' intimata tirrespingi l-allegazzjoni illi hija ghamlet xi rapprezentazzjonijiet skorretti lir-rikorrenti jew lil min minnhom u fi kwalsiasi kaz ghad trid issir il-prova tal-hsara jew telf soffert mir-rikorrenti; illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-fattur li l-konjugi Hili u Buttigieg it-tnejn qed jallegaw li soffrew telf fuq l-investimenti rispettivi taghhom mhuwiex sufficjenti biex l-azzjoni odjerna titmexxa bhala azzjoni kollettiva skont l-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta);

16. Illi fir-rigward tat-tnax il-paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata tichad kategorikament l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Is-socjeta' intimata ma adoperat l-ebda frodi u/jew kaptazzjoni fir-rigward tar-rikorrenti jew min minnhom u s-socjeta' intimata tirribadixxi li r-rikorrenti Hili u Buttigieg ghamlu l-investimenti rispettivi taghhom liberament u xjentement u ma kien hemm l-ebda zball materjali, wisq anqas zball ipprovokat mis-socjeta' intimata, li jista' jkollu xi konsegwenza fil-ligi;

17. Illi fir-rigward tat-tlettax il-paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta' intimata filwaqt li tichad kategorikament illi hija gabet ruha b'xi mod zleali, ingust u/jew qarrieqi fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom tghid illi l-funzjoni taghha kienet illi taghti parir u tezegwixxi l-ordnijiet ta' xiri tar-rikorrenti u fl-ebda mument ma assumiet l-inkarigu illi tiggestixxi jew timmanigga l-investimenti tar-rikorrenti jew ta' xi hadd minnhom kif qed jiddikjaraw ir-rikorrenti;

18. Illi fir-rigward tal-erbatax il-paragrafu tar-rikors promotur, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf soffert mir-rikorrenti, anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss jirrizulta li r-rikorrenti Hili u Buttigieg garrbu xi telf fuq l-investimenti

rispettivi taghhom b'daqshekk ma jsegwix illi s-socjeta' intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' intimata tichad fermament kwalsiasi responsabilita' ghad-danni, telfien jew ghall-ammonti mitluba mir-rikorrenti;

19. Illi fir-rigward tal-hmistax il-paragrafu tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrileva illi kif spjegat fil-paragrafu hmistax ta' din ir-risposta ma jezistux l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex l-azzjoni odierna titmexxa bhala azzjoni kollettiva a tenur tal-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk il-ftehim milhuq bejn ir-rikorrenti Hili u Buttigieg ma jista jkollu l-ebda effett ghall-fini tal-Kap. 520;

20. Illi s-socjeta' intimata ghandha l-ufficju taghha gewwa l-gzira ta' Malta fi Triq Testaferrata Ta' Xbiex fejn giet notifikata bir-rikors promotur odiern;

21. Illi finalment ghad trid issir il-prova li l-Ghaqda tal-Konsumaturi hija debitament imwaqqfa skont il-ligi, li ghandha l-poteri li tintavola din l-azzjoni u li l-imsemmi Benjamin Borg Bonello ID 412448(M) ghandu r-rapprezentanza tal-istess Ghaqda;

22. Illi l-fatti ndikati f'paragrafi 5, 13, 14, 15 u 17 sa 21 ta' din ir-risposta huma maghrufin lill-esponenti personalment filwaqt illi l-fatti msemmija fil-paragrafi 1 sa 4, 6 sa 8, 10, 11 u 16 ta' din ir-risposta huma maghrufin lilu in kwantu sar jaf bihom fil-mansjoni tieghu bhala ufficjal tas-socjeta' intimata;

**<u>L-Eccezzjonijiet</u>**

Ghaldaqstant in vista tas-suespost is-socjeta' intimata ghandha s-segwenti eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti:

(1) Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti mhix il-qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza kontra s-socjeta' intimata li ghandha l-ufficcju taghha gewwa l-gzira ta' Malta in kwantu s-socjeta' intimata qed tipprevalixxi ruhha mill-*privilegium fori* moghti lilha a tenur tal-artikoli 741(c) u 767 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara ruhha nkompetenti li tisma' din il-kawza u tillibera lis-socjeta' intimata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

(2) Illi preliminarjament trid issir il-prova li r-rikorrenti Ghaqda tal-Konsumaturi hija debitament imwaqqfa skont il-ligi, li ghandha l-poteri li tintavola din l-azzjoni u li l-imsemmi Benjamin Borg Bonello ID 412448(M) gie debitament awtorizzat jirrapprezentanza l-istess Ghaqda altrimenti din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara li r-rikors promotur odjern huwa null u rritu u konsegwentement tichad din l-azzjoni;

(3) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoniet l-ohra din il-kawza ma tistax titmexxa bhala azzjoni kollettiva skont l-Att Dwar Procedimenti Kollettivi (Kap. 520 tal-Ligijiet ta' Malta) peress illi ghar-ragunijiet spjegati ma tissodisfax il-vot tal-art. 3 tal-Kap 520 u ghalhekk din l-Onorabbli qorti ghandha tichad din l-azzjoni;

(4) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici jehtiegu primarjament valutazzjoni tac-cirkostanzi ndividwali u personali, fosthom tal-ghanijiet tal-investiment u tal-gharfien u esperjenza, tal-konjugi Hili u Buttigieg rispettivament kif ukoll tal-komportament tas-socjeta'

intimata fir-rigward tal-konjugi Hili u Buttigieg separatament u ghalhekk il-kwistjonijiet mqajma mill-azzjoni odjerna huma preponderantement jekk mhux unikament kwistjonijiet individwali u mhux komuni u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma jirrizultax illi l-azzjoni kollettiva hija l-aktar mezz xieraq ghar-rizolviment gust u efficjenti tal-kwistjonijiet mqajma mir-rikorrenti f'din il-kawza; illi ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara illi l-procedimenti odjerni ma jikkwalifikawx biex jitmexxew bhala procedimenti kollettivi u konsegwentement ghandha tichad din l-azzjoni;

(5) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta' intimata mhux responsabbli ghall-ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mir-rikorrenti, jew min minnhom, la minhabba xi prattika kummercjali ngusta u/jew qarrieqa, la minhabba xi komportament li ma kienx konformi mad-dettami u direttivi mahruga mill-Awtorita' Ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat fir-rikors promotur u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti;

(6) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi bin-numru 298/12 u ta' l-atti relattivi u konkomitanti l-ohra kollha, kontra rikorrenti;

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghallum fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-kawza odjerna titratta dwar investimenti separati li saru mill-konjugi Buttigieg u Hili li marru hazin u l-allegazzjonijiet fil-konfront tas-socjeta' konvenuta huma varji fosthom li agixxiet b'mod skorrett u qarrieqi kif ukoll li ttradiet il-fiducja taghhom u talbu dikjarazzjoni li hija responsabbli ghat-telf kollu soffert minnhom u li jigu likwidati l-ammont ta' danni dovuti lilhom.

Permezz ta' din is-sentenza preliminari se tigi trattata l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta li din il-qorti mhiex kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u dan billi qieghed jigi invokat il-privilegium fori a tenur ta' l-artikolu 741(c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi jirrizulta li mhux kontestat li s-socjeta' konvenuta ghandha l-ufficcju registrat taghha f' Malta. Jirrizulta wkoll mill-atti li ghal xi zmien l-istess socjeta' konvenuta kellha ufficcju wkoll fir-Rabat, Ghawdex anki jekk is-socjeta' konvenuta ssostni li wara t-30 ta' Settembru 2004 l-ufficcju f'Ghawdex kien jintuza' mill-financial planning managers tal-kumpanija li kienu bbazati f'Malta biex jiltaqghu mal-klijenti meta jkunu f'Ghawdex. Wara d-data appena msemmija l-uniku persuna li kienet tahdem fl-ufficcju ta' Ghawdex kienet ir-receptionist. Dan l-ufficcju f'Ghawdex jinghad li nghalaq fis-16 ta' Marzu 2011.

Skont l-Artikolu 50 tal-Kap. 12, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) hi kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' pretensjoni kontra *".....l-persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom dik il-qorti."*.

Persuni li joqghodu f'Ghawdex ghandhom id-dritt, meta jkunu konvenuti f'kawzi, li jigu msejha quddiem il-qrati f'Ghawdex (Artikolu 767 tal-Kap. 12):-

*"Il-beneficcju msemmi fl-artikolu 741(c) hu moghti lill-persuni li joqoghdu fil-Gzira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gzira, u lil dawk li joqoghdu fil-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gzejjer."*.

L-istess beneficcju jappartjeni lill-persuni residenti f'Malta. Privilegg li jiddipartixxi mill-principju li l-attur ghandu jaghmel il-kawza fil-post fejn jinsab l-oggett (*res*) li dwaru hemm il-kontestazzjoni[1].

Il-*privilegium fori* jispicca:-

1. Meta l-ghadd ta' konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu ndaqs (Artikolu 769).

2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skont il-ftehim tigi ezegwita fi Gzira partikolari (Artikolu 770).

[1] **A.F. Ellis Ltd vs Segretarju Permanenti et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Gunju 2003.

3. Meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih (Artikolu 772).

Illi applikati dawn l-artikoli ghall-kaz odjern jirrizulta u fil-fatt lanqas mhu kontestat li s-socjeta' konvenuta ghandha r-residenza taghha ossija l-ufficju registrat f'Malta u ghalhekk ladarba il-***privilegium fori*** tqajjem minnha, id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** ghandhom normalment japplikaw[2]. Fil-fatt hija l-kwistjoni ta' residenza li fuqu huwa stabbilit l-artikolu 741 (c) tal-Kap 12[3]. Jirrizulta wkoll li din l-eccezzjoni tqajjmet *in limine litis.*

Illi pero' kif diga' gie rilevat, hemm eccezzjoni ghal din ir-regola skont l-**artikolu 770 tal-Kap 12** fejn jinghad li l-*privilegium fori* jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skont il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Kwindi l-ligi hija tassattiva u ma thalli lok ghal ebda tip ta' interpretazzjoni. F'kazijiet li jaqghu fit-termini ta' l-artikolu 770 tal-Kap 12, l-intimat ma jibqalghux aktar id-dritt li jinvoka l-beneficcju li jigi mharrek quddiem qorti partikolari. Dan ifisser li meta l-kawza tkun tivverti fuq obbligazzjoni li skont il-ftehim kellha tigi esegwita f'Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti f'Malta ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi deciza mill-Qorti ta' Ghawdex[4].

---

[2] Ara kawza fl-ismijiet **Joseph Pace vs Dun Anton Sultana** P.A. RCP deciza fit- 23 ta' Frar 1999

[3] Ara kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina nomine vs Richard dei Conti Stagno Navarro,** Appell Civili deciza fit-22 ta' Novembru 2005

[4] **Gorg Vella noe et vs Rev Charles Cini,** Cit Nru: 6/99AMT deciza fis-16 ta' Frar, 2001

Il-principju ewlieni li dejjem gie segwit mill-qrati taghna kien illi, fejn in-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu kellu jigi esegwit fi gzira partikolari, dik il-gzira kellha kompetenza tisma l-kawza[5].

B'referenza ghall-artikolu 770 tal-Kap 12 intqal fil-kawza fl-ismijiet **Maria Bezzina vs J Grech Ltd**[6]

*'Hu evidenti li dan il-provvediment japplika f'kaz ta' obbligazzjoni li tirrizulta minn ftehim. It-test originali bit-Taljan jipprovdi li l-beneficcju ma japplikax jekk il-kawza titratta dwar obbligazzjoni "....il cui adempimento* ***sia stato convenuto doversi fare*** *nell'una delle dette isole determinatamente." (enfazi tal-qorti).*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Angelo Zammit vs Michele Debono*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Frar 1917 (Volum XXIII.iii.495) inghad:*

*"Che questa disposizione contempla evidentemente l'esecuzione di un'obbligazione contrattuale, non potendo le espressioni 'il cui adempimento sia stato convenuto doversi fare', riferirsi ad un'obbligazione come quella che nel caso si pretende fare derivare ex delicto, cioe' dal dolo praticato dal convenuto;*

*Che per l'applicazione della disposizione citata e' mestiere che tra il creditore ed il debitore* ***sia intervenuto un patto per cui l'obbligazione si debba eseguire in una delle isole determinatamente****; e la esistenza di un tale patto e' inconcepibile nelle obbligazioni fondate sulla*

---

[5] Ara **Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw** deciza mill-Appell Civili fl-20 ta' Mejju, 1994 **Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima** deciza mill-Appell Kummercjali fit-12 ta' Frar 1992; u **Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited,** Cit. Nru 6/1996 deciza fit-22 ta' April 1997 u kkonfermata fl-Appell .

[6] Cit Nru: 38/2009AE deciza fit-13 ta' Ottubru 2009

*colpa extra-contrattuale."*[7].

B'referenza ghall-kawza odjerna jinghad li mhux kontestat mis-socjeta' konvenuta li l-atturi gew mitkellma u mhajjra u konvinti biex jinvestu fil-prodott imsemmi fir-rikors guramentat proprju fl-ufficcju fir-Rabat, Ghawdex. Huwa bizzejjed li ssir referenza ghal *FileNote - Lifemark*[8] rigwardanti l-konjugi Buttigieg li jirreferi ghal data ta' laqgha li saret fit-23 ta' Settembru 2008 mil-liema dokument jirrizulta li din il-laqgha saret fl-ufficcju tal-kumpanija Ghawdex. Oltre' dan anki l-kuntratt gie ffirmat minnhom f'Ghawdex.

Rose Buttigieg xehdet li *"Jiena u zewgi bqajna fuq il-kelma u fuq l-assigurazzjonijiet illi kien tana dana Formosa u dakinhar stess iffirmajna l-kuntratt illi kien pogga fuq il-mejda. Nikkonferma illi dan il-kuntratt gie ffirmat fil-gzira ta' Ghawdex"*. Hija kompliet tixhed li anki meta bdew jindunaw li l-investiment ma kienx sejjer tajjeb impjegat mas-socjeta' konvenuta ghamlilhom appuntament fir-Rabat, Ghawdex. Giorgia Hili wkoll tixhed li mpjegati tas-socjeta' konvenuta hajruha biex tinvesti mill-ufficcju f'Ghawdex. Huma xehdu wkoll li c-cekkijiet provenjenti intbaghtu lilhom fir-residenzi taghhom f'Ghawdex.

Jirrizulta wkoll li l-ittri li ntbaghtu separatament mill-atturi lis-socjeta' konvenuta intbaghtu fl-ufficcju ta' Malta. Ir-rikors guramentat, dokumenti u l-avviz ghas-smigh ukoll gew notifikati fl-ufficcju f'Malta. Izda l-qorti ma tistax tkun daqshekk simplicistika u tieqaf hawn.

[7] Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Mejju 1917, Vol. XXIII.i.911.
[8] Dok G

Is-socjeta' konvenuta ssostni li l-applikazzjoni tal-konjugi Buttigieg u Hili twasslet fl-ufficcju taghha f'Malta, fejn din giet processata cjoe' ezaminata mil-*legal and compliance department* taghha; giet ezaminata mill-*operations department* u wara l-applikazzjoni ntbaghtet lil Keydata International barra minn Malta li kkonfermat l-investiment li sar f'isem l-atturi. Sussegwentement, l-atturi taw struzzjonijiet sabiex l-investiment taghhom jinzamm taht 'nominee' fl-isem tas-socjeta' konvenuta. Dawn l-istruzzjonijiet gew konfermati lis-socjeta' konvenuta fl-indirizz taghha l-Gzira u l-ezekuzzjoni ta' dawn l-istruzzjonijiet giet konfermata lill-konjugi Buttigieg u Hili. Dawn l-attivitajiet kollha sehhew mill-ufficju f'Malta. Il-hlas tad-dividendi fuq dan l-investiment saru wkoll tramite l-operations department tas-socjeta' konvenuta f'Malta mil-clients account taghha mal-Bank of Valletta f'San Gwann. Kwindi l-argument taghha huwa li l-preponderanza tan-negozju sar f'Malta wkoll u kwindi l-eccezzjoni sollevata ghandha tintlaqa'.

Infatti James Blake[9] in kontro-ezami xehed li l-*file note* tmur ghand il-*legal office*, il-*compliance office* tal-kumpanija f'Malta u jekk jidhrilhom li dokument imnizzel fil-file note ma jirriflettux dak offrut lill-klijent l-investiment ma jghaddix. Hadd mil-*legal office* u lanqas *compliance*, li ma jkunux prezenti ghal laqgha mal-klijent, ma jikkomunika mal-klijent biex jivverifika ikunux fehmu l-kontenut tal-file note. Ghalkemm ghandhom il-poter li jikkomunikaw dirett mal-klijent f'dawn il-kazijiet ma kienx hemm tali komunikazzjoni. Testwalment qal hekk:

*"Qed nigi mistoqsi jekk naqbilx li l-laqghat kollha u l-kuntratti gew iffirmati minn Buttigieg u Hili sarux kollha fl-ufficcju taghna Ghawdex nirrispondi illi l-laqghat saru Ghawdex, l-confirmation illi kienu ser isiru l-investimenti saret Ghawdex. Pero' dan huwa l-bidu tat-transazzjoni il-ghaliex imbaghad ighaddi kollox fl-ufficji f'Malta. Imbaghad jiskatta l-process fejn l-inkartamenti jghaddu ghand il-legali taghna fl-ufficcju biex jaraw illi kollox qieghed kif suppost.*

[9] Chief Operating Officer tas-socjeta' konvenuta

*Referenza ssir ukoll ghall-pagament illi dana jrid isir depozitu, jigi depozitat fl-account taghna f'San Gwann. Imbaghad jkun hemm, irid jigi verifikat kollu wkoll fl-ufficcji taghna f'Malta. Imbaghad wara li nkunu sodisfatti illi l-fondi waslu ghandna, naghmlu applikazzjoni lill-Overseas Principal biex isir l-investiment. Infatti jekk wiehed ihares lejn id-data tal-file note u lejn id-dokument tal-kuntratt dawn mhumiex l-istess. Qed naqbel illi dak kollu li qed insemmi jigifieri l-iccekjar u allura s-sinjuri ma jkunux jafu bih, nghid illi iva dan huwa kollu amministrattiv. Pero' imbaghad il-Purchase Contract Note jintbaghat mill-Principal taghna fl-esteru, jintbaghat fl-ufficcju taghna f'Malta. Imbaghad minn hemmhekk jintbaghat lill-klijent. Any divided payments nircevuhom fl-account taghna f'Malta. Imbaghad dawn jintbaghtu lill-klijenti taghna jew f'Malta jew f'Ghawdex. Il-witholding tax calculations isiru wkoll f'Malta. F'Ghawdex ma nzommu l-ebda records tal-klijenti".*

Illi ghalkemm ix-xoghol li sar fl-ufficcji tal-kumpanija f'Malta huwa xoghol necessarju li jrid isir, kif maqbul minn James Blake innifsu dan huwa *back office work* li l-klijenti lanqas biss ikunu jafu li jkun qieghed isir. Gie stabilit li fiz-zmien li l-atturi kienu se jinvestu kien hawn ufficcju tas-socjeta' konvenuta f'Ghawdex. Fil-fehma tal-qorti lanqas huwa relevanti kemm kien hawn impjegati fissi jahdmu minn dan l-ufficcju. Il-kwistjoni hija li l-inkontri li saru wicc'imbwicc dejjem saru Ghawdex, il-kuntratt gie ffirmat Ghawdex u c-cekkijiet rapprezentanti l-hlas tad-dividendi dovuti finalment intbaghtu Ghawdex fid-dar ta' l-atturi. Fl-ahhar mill-ahhar l-ghan ta' l-investiment huwa li l-klijent jircievi l-hlas. D'altronde din il-Qorti tqis ukoll li ma jistax ikun li s-socjeta' konvenuta biex tigbed il-klijenti kienet lesta li tiltaqa' maghhom f'Ghawdex issa ghaliex inqalghu l-problemi u l-ufficcju taghha f'Ghawdex inghalaq tippretendi li ma tistax tinfetah kawza kontriha fil-Gzira ta' Ghawdex.

Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Xerri noe vs Hix Travel Limited**[10]

[10] 186/1997PC deciza fl-10 ta'Novembru 2000

*"Fil-kaz in ezami nsibu kif anke jirrizulta mid-"Dokti. H.1 u H.2" esebiti mis-socjeta' konvenuta, illi s-sede ufficcjali ta' din il-kumpanija huwa fil-gzira ta' Malta, precizament fl-indirizz: 93, Rower Road, Sliema, u ghalhekk 'prima facie' jidher illi s-socjeta' konvenuta ghandha ragun tqajjem din l-eccezzjoni gialardarba giet imharrka fil-Qorti ta' din il-gzira u mhux f'dik ta' fejn titqies li hija r-residenza taghha .*

*Imma l-Qorti ma tistghax tieqaf hawn, kif donnha tippretendi s-socjeta' konvenuta. Importanti ferm ghas-soluzjoni ta' din il-kwistjoni huwa l-artikolu 770 tal-Kap. 12 fejn tinghata wahda mill-eccezzjonijiet ghal din irregola u rilevanti ghal kaz in ezami. Infatti dan l-istess artikolu jghid illi : "l-'privilegium fori' jispicca wkoll, fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi gzira partikolari" .*

*Minn dak li rrizulta s'issa, fil-kaz prezenti nsibu illi l-attur nomine qed ifittex lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' danni sofferti mill-mandanti tieghu minhabba dak li jsejjah nuqqas tas-socjeta' konvenuta li tinforma lill-mandanti tieghu bil-htiega ta' visa biex dawn ikunu jistghu jidhlu gewwa Franza fejn kellhom jinghaqdu ma' gita f'Parigi u Euro Disney, organizzata mill-istess socjeta' konvenuta.*

*Irrizulta illi l-mandanti ta' l-attur, l-konjugi Greenwood, xtaqu jaghmlu vaganza gewwa Franza bil-hamest itfal taghhom u avvicinaw l-agenzija li s-socjeta' konvenuta kelha f'Ghawdex, u cioe' fl-indirizz : 39 B, Saint Andrew Street, Victoria, ghal dan il-ghan . Infatti ghamlu l-'booking', xtraw u nghataw il-biljetti ta' l-ajru u dokumenti ohra minn dan l-ufficcju f'Ghawdex. Il-hlas sar ukoll f'dan l-ufficjju ta' Ghawdex, minn fejn ukoll inghatatilhom l-informazzjoni mehtiega ghal dan il-vjagg. L-attur nomine jikkontendi fic-citazzjoni tieghu illi gialadarba n-negozju kollu sar Ghawdex, kienet din il-Qorti kompetenti tiehu konjizzjoni tat-talbiet tieghu.*

*Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom dwar din l-eccezzjoni tal-'privilegium fori', u din il-Qorti tiffaccja tali eccezzjoni prattikament kull darba li xi hadd residenti Malta jigi mharrek quddiemha.*

*Dejjem pero' gie ritenut illi, kif tistipula l-ligi stess, dan il-beneficcju tal-konvenut jispicca kemm il-darba jigi pruvat illi l-kontestazzjoni tirrigwarda obbligazzjoni li kellha titwettaq fi gzira partikulari, fil-kaz taghna f'Ghawdex (ara f'dan ir-rigward : Appell Civili: Alfred Cremona et. v. Vanda armla Bradshaw: 20.5.94; Appell Kummercjali : Vivian Gatt noe. v. Carmelo Grima: 12.2.92; u cit. 6/1996 : "Cornucopia Hotel Limited v. Fisher Reisen Limited" moghtija fit-22 ta' April 1997 u kkonfermata fl-Appell).*

*Hekk ukoll fil-kaz prezenti nsibu illi l-obbligazzjonijiet kollha in konnessjoni ma' dan in-negozju ikkuntrattat bejn il-mandanti ta' l-attur nomine minn naha l-wahda u s-socjeta' konvenuta minn naha l-ohra sar kollu f'Ghawdex, mill-agenzija tal-Kumpanija "Hix Travel Limited" tramite r-rapprezentanta taghhom f'din il-gzira . M'ghandu jkun hemm ghalhekk l-ebda raguni ghaliex l-allegat obbligu tas-socjeta' konvenuta li tinforma lill-koppja Greenwood bil-htiega ta' visa ghalihom biex jiddahhlu gewwa Franza, u li minhabba fih qed tigi mharrka din l-agenzija ta' l-ivvjaggar, ma setghax ghalhekk facilment jitwettaq ukoll mill-ufficcju taghhom f' Ghawdex.*

*Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi, fejn irrizulta illi n-negozju guridiku li ta lok ghall-kawza prezenti twettaq fil-parti preponderanti tieghu fil-gzira ta' Ghawdex, gie res applikabbli l-artikolu 770 tal-Kap. 12 dwar kif jispicca l-'privilegium fori' tal-konvenut."*

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi hija kompetenti li tisma' dan il-kaz u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta’ dan l-incident a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------